# L-Informazzjoni Dwarek **Hija Privata**

## X'jiġri mill-informazzjoni dwarek waqt li tkun konsumatur ta' dan is-servizz?

### Min Aħna?

Aħna wieħed minn bosta servizzi tal-kura tas-saħħa u kommunitarja fl-inħawi tiegħek, li kollha jaħdmu flimkien bi sħubija biex jilqgħu l-bżonnijiet tas-saħħa tiegħek.

### X'informazzjoni Niġbru Dwarek?

Aħna nżommu ismek u d-dettalji tal-kuntatti miegħek fir-rekord tiegħek tal-konsumatur. Dettalji oħra bħall-pjan tal-kura tiegħek u informazzjoni dwar saħħtek jiġu rikordjati kull darba li tiġi tarana.

### Għalfejn Niġbru l-Informazzjoni Dwarek?

L-informazzjoni li niġbru tgħinna biex inżommu dettalji aġġornati dwar il-bżonnijiet tiegħek, sabiex inkunu nistgħu nieħdu ħsiebek bl-aħjar mod. Nużaw ukoll l-informazzjoni biex nimmaniġġaw u nippjanaw aħjar dan is-servizz.

### Min Iżjed Jara l-Informazzjoni Dwarek?

L-informazzjoni dwarek jistgħu jarawha biss il-professjonisti ta' dan is-servizz li huma involuti fil-kura tiegħek. Mill-bqija, nagħtu informazzjoni dwarek biss jekk taqbel int jew jekk ikun meħtieġ bil-liġi, bħal f'xi emerġenza medika.

### Kemm Tista' Tgħid X'Jiġri mill-Informazzjoni Dwarek?

Tista' tgħid x'jidhirlek dwar x'jiġri mill-informazzjoni dwarek. Aħna noqogħdu fuq l-informazzjoni li tagħtina biex tgħinna nipprovdu l-kura li hi tajba għalik. Jekk tiddeċiedi li ma taqsamx magħna xi parti mill-informazzjoni jew li trażżan l-aċċess għar-rekord tal-konsumatur tiegħek, dan hu d-dritt tiegħek, iżda jista' jaffettwa l-ħila tagħna li nipprovduk bl-aħjar servizzi possibbli. Kellimna jekk tixtieq tbiddel jew tħassar il-kunsens tiegħek.

### Kif Se Tkun Protetta l-Informazzjoni Dwarek?

Aħna marbutin li nħarsu l-konfidenzjalità tar-rekord tiegħek. Il-privatezza ta' l-informazzjoni dwarek hija mħarsa wkoll bil-liġi. Aħna nittrattaw l-informazzjoni dwarek bil-fiduċja l-aktar stretta u nerfgħuha fis-sigurtà.

### Għandek Aċċess għall-Informazzjoni Dwarek?

Iva, għandek dritt titlob aċċess għall-informazzjoni dwarek u li tistaqsi biex jikkorreġuha jekk ikun hemm il-bżonn.

### Xi Mistoqsijiet Oħra?

Jekk jogħġbok kellem lil xi wieħed minna jekk għandek xi mistoqsijiet jew ilmenti oħra dwar x'jiġri mill-informazzjoni dwarek waqt li tkun konsumatur tagħna, jew jekk tixtieq taċċessa r-rekord tiegħek.

The Department of Human Services, 2006

Victoria
The Place To Be